**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/491**

**tal-21 ta' Marzu 2017**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 270/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 270/2011 tal-21 ta' Marzu 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-21 ta' Marzu 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 270/2011.

(2) Jenħtieġ li jiġu emendati d-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet għal sitt persuni elenkati fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 270/2011. Jenħtieġ li tiġi aġġornata l-informazzjoni ta' identifikazzjoni dwar persuna elenkata waħda.

(3) Jenħtieġ li żewġ persuni ma jibqgħux jinżammu fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 270/2011.

(4) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 270/2011 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 270/2011 huwa emendat kif indikat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. SCICLUNA

([1]) ĠU L 76, 22.3.2011, p. 4.

*ANNESS*

I. Fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 270/2011, l-entrati li jikkonċernaw il-persuni li jidhru hawn taħt għandhom jiġu ssostitwiti bl-entrati li ġejjin:

| | Isem (u kwalunkwe psewdonimu) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għad-deżinjazzjoni |
|---|---|---|---|
| 1. | Mohamed Hosni Elsayed Mubarak | Eks-President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu<br>Data tat-twelid: 4.5.1928<br>Raġel | Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji jew proċess ta' rkupru tal-assi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara sentenza finali tal-qorti fir-rigward tal-misapproprjazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni |
| 2. | Suzanne Saleh Thabet | Mart is-Sur Mohamed Hosni Elsayed Mubarak, eks-President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu<br>Data tat-twelid: 28.2.1941<br>Mara | Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji jew proċess ta' rkupru tal-assi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara sentenza finali tal-qorti fir-rigward tal-misapproprjazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni |
| 3. | Alaa Mohamed Hosni Elsayed Mubarak | Bin is-Sur Mohamed Hosni Elsayed Mubarak, eks-President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu<br>Data tat-twelid: 26.11.1960<br>Raġel | Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji jew proċess ta' rkupru tal-assi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara sentenza finali tal-qorti fir-rigward tal-misapproprjazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni |
| 4. | Heidy Mahmoud Magdy Hussein Rasekh | Mart is-Sur Alaa Mohamed Hosni Elsayed Mubarak, bin l-eks-President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu<br>Data tat-twelid: 05.10.1971<br>Mara | Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji jew proċess ta' rkupru tal-assi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara sentenza finali tal-qorti fir-rigward tal-misapproprjazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni |
| 5. | Gamal Mohamed Hosni Elsayed Mubarak | Bin is-Sur Mohamed Hosni Elsayed Mubarak, eks-President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu<br>Data tat-twelid: 28.12.1963<br>Raġel | Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji jew proċess ta' rkupru tal-assi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara sentenza finali tal-qorti fir-rigward tal-misapproprjazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni |
| 6. | Khadiga Mahmoud El Gammal | Mart is-Sur Gamal Mohamed Hosni Elsayed Mubarak, bin l-eks-President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu<br>Data tat-twelid: 13.10.1982<br>Mara | Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji jew proċess ta' rkupru tal-assi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara sentenza finali tal-qorti fir-rigward tal-misapproprjazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni |
| 8. | Abla Mohamed Fawzi Ali Ahmed Salama | Mart is-Sur Ahmed Abdelaziz Ezz<br>Data tat-twelid: 31.1.1963<br>Mara | Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji mill-awtoritajiet Eġizzjani fir-rigward tal-misapproprjazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni |

II. Fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 270/2011, l-entrati li jikkonċernaw il-persuni li ġejjin huma mħassra:

16. Jaylane Shawkat Hosni Galal Eldin,

17. Amir Mohamed Zohir Mohamed Wahed Garrana.